# IL-PULIZIJA

Diċembru 2022 • Vol 29 • Nru 3




PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

NEWSPAPERPOST




GASAN ZAMMIT

GasanZammit Motors Ltd.,
Triq il-Merghat, Zone 1, Central Business District, Birkirkara, CBD 1020
Tel: 27788222 email: ford@gasanzammit.com
ford.com.mt

acim

# Werrej


**04** **Il-Messaġġ**
Tal-Ministru

**06** **Il-Messaġġ**
Tal-Kummissarju

**08** **Nipprovdu Servizz Professjonali**
Direttur Ġenerali
Stefania Sgandurra

**09** **Rendikont tas-Sena tal-Kumitat tal-Malta Police Fund Ad Hoc Committee**

**10** **Gwida għal dieta sustanzjuża**
Minn Dr. Charlene Tonna

**12** **EMPACT**
Mid-Deputat Kummissarju
Alexandra Mamo
u Mis-Sur Andrew Seychell

**17** **Mill-Uffiċċju Legali**
Minn Dr. Lynn Schembri

**18** **Attivitajiet ta' Ritorn Infurzat**

**18** **Paġna tal-Isports**
Avvenimenti Sportivi

**21** **Il-festi tal-Milied għall-uffiċjali tal-Korp**
Employee Support Programme

**22** **Apprezzamenti**
Mingħand il-Komunità

**25** **Police Officers Union**
Minn Steve Spiteri

**26** **Pensjonanti**
Kitba ta' Martin Pace

**29** **International Police Association**

**30** **Obitwarju**


# Editorjal

Waqt li qed nikteb dan l-editorjal, ftit passi bogħod mill-uffiċċju dieħla konsenja kbira bl-uniformi l-ġdida. L-uniformi moderna u prattika li ilha mistennija u li jekk kollox imur kif pjanat għandna nibdew is-sena l-ġdida biha.

Għal min milux ħafna fil-Korp jista' jkun li din il-bidla mhux sinifikanti bil-bosta, iżda għal min għandu s-servizz u jiftakar żminijiet oħra, żgur li l-immaġni approvata ta' pulizija bil-leħja pulita, bit-tpinġija tidher fuq idejh u liebes l-uniformi l-ġdida, nazzarda ngħid li qatt ma kienet tgħaddilek minn moħħok li qatt tista' taraha fir-realtà. Passi kbar fi żmien relativament qasir, xhieda kemm ir-rieda li l-Korp jittrassforma ruħu hija mhux biss miktuba fuq il-karta imma qed tiġi attwata ma' kull ġurnata li qed tgħaddi u għalkemm xejn mhu perfetti, naħseb li għandna nkunu grati għal kull inizjattiva li saret f'dawn l-aħħar ftit snin li għamlet il-ħajja tagħna ftit iżjed komda u faċli.

F'dinja tas-social media fejn qed naġġornaw lill-membri tal-Korp dwar x'qed jiġri kważi kuljum permezz ta' Facebook u l-emails, diffiċli żżomm ħajja pubblikazzjoni bħal din li toħroġ kull 3 xhur u għaldaqstant qed naħsbu biex nagħmlu xi tibdiliet żgħar dwar il-kontenut. Eliminajna artikli dwar x'ġara dan l-aħħar peress li dawn kienu attivitajiet li nkunu diġà ħabbarnihom u inkludejna żewġ artikli ġodda mingħand it-tabiba u ieħor mingħand l-avukata tal-Korp, fejn f'kull edizzjoni se jkunu qed jiddiskuti temi ta' interess u ta' għajnuna kemm waqt ix-xogħol, pero wkoll fil-ħajja ta' kuljum tagħna.

F'isem il-Bord Editorjali, nawguralkom il-Milied u s-Sena t-Tajba.

Grazzi u l-Ħidma t-Tajba
Rodienne Bartolo Haidon
Editur

# Membri tal-bord


**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri
Jean Paul Vella

**Qari tal-Prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PC 2019 - Daniela Grima Sultana

**Fotografija**
PC 920 - Clive Pace




*Ritratt mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni*


**Nota ta' ringrazzjament**

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt: Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, FRN 1530 jew ***magazine.police@gov.mt***

**Disinn u Riklamar**

ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317
e-mail: abpublicationsltd@gmail.com

Stampar
GUTENBERG PRESS

# Il-Messaġġ tal-Ministru



Is-sena 2022 kienet sena importanti, ta' suċċessi u fl-istess ħin ta' sfidi għall-Korp tal-Pulizija. Iżda fuq kollox kienet sena oħra ta' ħidma sfiqa b'impenn lejn il-poplu Malti u Għawdxi mid-diversi membri tal-Korp tal-Pulizija.

Matul din is-sena, il-Korp tal-Pulizija rnexxielu jkompli jbiddel lilu nnifsu, u jibni fuq il-ħafna tajjeb, sabiex ikun f'pożizzjoni li jagħti servizz aħjar. Kompla jitrasforma ruħu, minn Forza, għal servizz lill-pubbliku Malti u Għawdxi. Dan filwaqt li kompla jipprovdi servizzi ġodda, filwaqt li jifrex dawn is-servizzi sabiex jintlaħqu minn aktar persuni.

Din il-bidla u l-impenn tad-diversi membri tal-Korp tal-Pulizija f'kull qasam u rwol, ħalliet impatt pożittiv, għaliex il-poplu Malti u Għawdxi qed jafda aktar lill-Korp tal-Pulizija, li qed jgħix f'pajjiż fejn ir-rata tal-kriminalità ġiet imnaqqsa fl-aħħar snin. Il-fiduċja hija iebsa biex tintrebaħ, iżda faċli ħafna biex tintilef. U għaldaqstant, jeħtieġ l-impenn ta' kull membru tal-Korp sabiex dik il-fiduċja tkompli tintrebaħ kuljum. Il-fiduċja hija mislufa lill-membri tal-Korp mis-soċjetà tagħna kuljum, li ġustament tistenna mill-Korp li jkompli joffri servizz dejjem aħjar.

L-aqwa riżorsa tal-Korp tal-Pulizija huma l-membri u l-ħaddiema tiegħu. Filwaqt li għodda moderna qed tgħin lill-Korp tal-Pulizija sabiex jipprovdi servizz aħjar, u anke sabiex ikun aktar protett bħall-użu tal-bodycams, huwa essenzjali li nibqgħu ninvestu fir-riżors uman. Għalhekk is-sena d-dieħla se nkunu qed nimplimentaw żewġ miżuri importanti għall-membri tal-Korp tal-Pulizija u Korpi Dixxiplinati oħra.

L-ewwel miżura hekk kif imħabbra fil-budget għas-sena 2023, hija li tagħti l-opportunità lill-membri tal-Korp tal-Pulizija u l-membri kollha tal-korpi dixxiplinati sabiex itejbu l-pensjoni tagħhom bi 23% wara erba' snin ta' servizz addizzjonali. Għaldaqstant, qed nippremjaw lil dawk li diġà għażlu jew ser jagħżlu li jibqgħu joffru s-servizz tagħhom wara l-25 sena servizz.

It-tieni miżura hekk kif imħabbra fil-budget għas-sena 2023 hija waħda soċjali li ser tkompli tagħti serħan il-moħħ lill-familji tal-membri tal-korpi dixxiplinati. Dan hekk kif ser ikun introdott il-kunċett ta' pensjoni tas-servizz għal ħames snin lir-romol ta' uffiċjali fil-forzi dixxiplinati li jkunu ġew nieqsa, jew qabel jagħlqu l-25 sena servizz jew fil-perjodu bejn l-għeluq tas-servizz u l-età tal-irtirar.

Dawn il-mizuri ser ikompli jsaħħu dak miksub mill-membri tal-Korp fl-aħħar snin. Għaldaqstant qed naraw li mid-dritt tas-sħubija f'union, li wassal għall-ewwel ftehim kollettiv tal-membri tal-Korp tal-Pulizija fl-aħħar snin, inkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet u d-drittijiet tal-ħaddiema.

Matul is-sena 2023 nistedinkom tkomplu taħdmu għall-ġid tas-soċjetà tagħna, b'imġieba eżemplari u korretta u li toffru l-għajnuna lil kull min għandu bżonnha. F'soċjetà li kontinwament qed tinbidel, jeħtieġ li l-Korp tal-Pulizija jkompli jirrifletti dik is-soċjetà u jkun preparat dejjem aħjar. Bħala Gvern, inwegħdukom li ser nibqgħu ninvestu fikom u fl-għodda kollha li għandkom bżonn sabiex tkomplu tkunu t-tarka tas-soċjetà tagħna.

Il-festi t-tajba.




# YOUR ONE-STOP-SHOP
## FOR HOME RENOVATIONS

**HMV SUPPLIES**

The first of its kind in the industry, HMV Supplies offers a no booking, no waiting service, with all displayed items in stock. One can purchase and take the product over the counter with no delays.

**Opening Hours:**
Monday to Friday: 7am - 5pm. Saturday: 7am - 12pm.

**HMV Supplies,** Mosta Road, Lija.
**T:** (+356) 21 433 636 **E:** info@halmannvella.com
hmvsupplies



*Adhesives, raw materials, pebbles, profiles, gutters, drains, chemicals, grouting, health and safety equipment, tools, ceramic tiles, sanitary ware, bathroom accessories, faucets, natural stone, pre-cut sills and more. All available from stock!*

# Il-Messaġġ tal-Kummissarju



**Inkomplu Niksbu r-Riżultati b'Dinjità**

Għall-grazzja ta' Alla għaddiet sena oħra minn fuqna. Din kienet sena ta' sodisfazzjon kbir għall-Korp tal-Pulizija, l-aktar meta rajna kif stħarriġ wara l-ieħor wera kemm il-viżjoni tal-Korp, dik li l-pubbliku jafdana sabiex nipprovdu soċjetà sigura għal kulħadd, qegħda kulma tmur titwettaq konkretament.

Dawn ir-riżultati ma jiġux mix-xejn. Huma kollha frott l-impenn ta' kull wieħed u waħda minnkom u bħalma għamilt f'diversi opportunitajiet li kelli matul din is-sena, nerġa' nieħu din l-opportunità biex niżżikom ħajr minn qalbi għall-ħidma tagħkom li f'xi okkażjonijiet setgħet anke ġabitkom wiċċ imb'wiċċ ma' sitwazzjonijiet riskjużi.

Kienet sena fejn il-Korp kompla jinvesti bis-sħiħ fi proġetti kapitali. Wara li ftit tal-ġimgħat ilu introduċejna tnax-il vann 4-wheel drive għall-użu tal-Pulizija tad-Distrett u tal-Environment Protection Unit, dalwaqt se nkomplu nsaħħu l-flotta tal-Korp, inkluż dik marittima, b'żewġ RHIBS imdaqqsin u ħames minibuses moderni. Dan kollu sar b'investiment li jqarreb iż-żewġ miljun ewro, li ġew kemm minn fondi nazzjonali u anke dawk Ewropej.

Filwaqt li ser inkomplu nimmodernizzaw il-flotta tal-Korp b'mod kostanti, matul is-sena 2023 u s-snin sussegwenti ser nibqgħu nipprijoritizzaw proġetti infrastrutturali. Nemmen bis-sħiħ li l-ambjent li noperaw fih għandu jkun wieħed denju sabiex jistimula lil kull wieħed u waħda minna sabiex nipprovdu l-aħjar servizz possibbli liċ-ċittadini tagħna. Kuntent li, minkejja l-kriżi finanzjarja dinjija, għas-sena d-dieħla l-Gvern reġa' allokalna ħames miljun ewro sabiex jiġu investiti fi proġetti kapitali.

U filwaqt li qed ninvestu l-miljuni fl-operat tal-Korp u fuq kollox f'kull wieħed u waħda minnkom, jiena sodisfatt nara li minkejja ż-żieda kbira fil-popolazzjoni, it-tkabbir ekonomiku, iż-żieda ta' impjegati barranin u t-tkabbir fit-turiżmu, ir-rata tal-kriminalità f'pajjiżna hija waħda taħt kontroll u saħansitra fost lanqas rati li qatt esperjenza fl-aħħar 25 sena.

B'sodisfazzjon nara li t-tħaddin ta' intelligence-led policing, anke jekk għadu fl-infanzja tiegħu, qed iħalli l-frott meħtieġ tant li s-serq, inkluż serq vjolenti huwa fl-anqas livelli fl-aħħar 25 sena. Fl-istess waqt ejja nirrikonoxxu t-tibdil fid-dinja ta' madwarna u nifhmu li llum qed nesperjenzaw żidiet fir-rapporti ta' reati oħra, l-aktar dawk finanzjarji, ċibernetiċi u vjolenza domestika b'mod partikolari. Huwa importanti għaldaqstant nifhmu li dawn għandhom jibqgħu jiġu prijoritizzati fl-ippjanar tal-Korp sabiex tassew nassiguraw soċjetà sigura għal kulħadd.

U filwaqt li rridu nkomplu nagħfsu fuq il-kisba tar-riżultati, ejja naraw li dawn niksbuhom billi naqdu dmirna bl-aktar mod professjonali, empatiku u etiku b'ħarsien totali għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li fl-aħħar mill-aħħar għandu jkun l-għan ewlieni ta' kull wieħed u waħda minna.

Bħalma aċċennajt f'diversi okkażjonijiet pubbliċi fl-aħħar ġimgħat, tajjeb li kontinwament inżommu f'moħħna l-ġurament tal-ħatra li ħadna fl-ewwel jum tagħna fil-Korp, l-aktar il-ħalfa li ħadna li naqdu d-dmirijiet tagħna skont il-liġi, mingħajr biża' jew favuri jew ġibda jew mibgħeda. Ejja lkoll nifhmu li l-uniformi li nilbsu u l-poteri li tagħtina l-liġi huma mislufa lilna mill-poplu tagħna. Dan ifisser li f'kull ħaġa li nagħmlu u b'kull mod li naġixxu rridu l-ewwel u qabel kollox nassiguraw il-ġid komuni.

Fl-aħħar sentejn u nofs għamilna enfasi qawwija fuq il-governanza tajba fi ħdan l-istrutturi tal-Korp. Bgħatna u ser nibqgħu nibagħtu messaġġ ċar li l-Korp tal-Pulizija għandu jkun id-dar naturali għal min irid iservi b'onestà, integrità u ħila. F'dan l-istess perjodu saħħaħna u ser inkomplu nsaħħu t-taħriġ kontinwu u proprju minn Settembru li għadda l-front-line officers tagħna bdejtu tattendu taħriġ aktar immirat għall-ħtiġijiet tagħkom u, fuq kollox, taħriġ aktar regolari.

Ejjew flimkien inkomplu nagħfsu fuq il-missjoni tagħna li naħdmu mal-komunitajiet tagħna għaliex huwa bl-involviment tal-imsieħba strateġiċi kollha li nistgħu nkomplu nagħmlu d-differenza fis-soċjetà Maltija.

Konxju li l-klijenti tagħna mhumiex klijenti kwalunkwe. Nifhem li spiss taffaċjaw nies fl-aktar mumenti diffiċli ta' ħajjithom. Konxju li tħabbtu wiċċkom ma' klijenti li tridu twasslulhom aħbar kerha, bħal xi telfa ta' wild, pereżempju.

U għaliex konxju minn dawn l-isfidi tal-professjoni tagħna u l-istress relatat magħha, nassigura lil kull wieħed u waħda minnkom li l-wellbeing tagħkom huwa prijorità assoluta tagħna. Saħħaħna mhux bi ftit is-sapport f'dan il-qasam u ser inkomplu ninvestu aktar għaliex intom tfissru ferm aktar mill-infrastruttura, jew vetturi u kwalunkwe għodda li naħdmu biha. Il-parir tiegħi lejn kull wieħed u waħda minnkom huwa li f'mumenti diffiċli tfittxu l-għajnuna li tinsab telefonata jew email 'il bogħod.

Inkun qed nonqos jekk, apparti li mill-ġdid nirringrazzjakom għas-servizz tant utli li ta' kuljum toffru liċ-ċittadini tagħna, nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom Milied ta' paċi u kuntentizza. Inħeġġiġkom biex b'mod partikolari f'dawn iż-żminijiet, inkunu ta' sostenn għal xulxin, speċjalment ma' dawk li jkunu għaddejjin minn mumenti diffiċli. Minn qalbi nawguralkom is-sena t-tajba u nħares 'il quddiem sabiex flimkien inkomplu niksbu r-riżultati b'dinjità.

DOMINE DIRIGE NOS




# Nipprovdu Servizz Professjonali

mid-Direttur Ġenerali Stefania Sgandurra

Fid-dinja tal-lum, bejn għax il-mezzi tat-trasport saru iktar aċċessibbli u irħas, bejn għax jinqala' xi għawġ, bħal xi gwerra jew sitwazzjoni prekarja oħra f'xi pajjiż, in-nies qegħdin jiċċaqalqu minn post għal ieħor iktar minn qatt qabel. Dan qed iwassal biex is-soċjetà tagħna qegħda tkun iktar diversiva, iktar imħallta bħala kultura u għalhekk anki l-Korp tal-Pulizija għandu jaġixxi biex ilaħħaq ma' din il-bidla kulturali.

Fil-missjoni tagħna nsemmu li rridu nkunu professjonali. Imma xi tfisser il-kelma professjonali? Kull meta jkolli sessjoni tal-in-service nistaqsi din il-mistoqsija lil min ikolli quddiemi u jekk ikolli 20 ruħ, l-20 li huma jweġbuni b'mod differenti. Però li tkun professjonali fuq il-post tax-xogħol tfisser li qiegħed fejn qiegħed, jekk hux l-Għassa l-Mellieħa jew inkella l-Għassa Birżebbuġa, is-servizz ikun l-istess fuq l-istess każ (l-istess biċċa xogħol eż. rapport ta' serq). Ifisser ukoll li jekk ir-rapport ġie jagħmlu xi ħadd prominenti jew xi ħadd barrani, is-servizz ikun ingħata bl-istess mod u mhux għax wieħed popolari jinqeda mill-koxxa u l-ieħor għax 'min jafu?' jinqeda b'inqas. Dan l-aħħar ħarġu ħafna SOPs, u naf li ħadd ma jieħu gost jaqra proċeduri, imma dawn l-SOPs huma l-linji gwida biex inkunu professjonali.

Huwa importanti wkoll li nifhmu kif aħna meta naderixxu ma' dawn l-SOPs inkunu tutelati iktar f'każ li xi ħaġa tmur ħażin. X'qed nipprova ngħid? L-SOPs inaqqsulna r-riskju ta' żbalji u b'hekk ukoll inkunu iktar professjonali.
Imma l-missjoni tal-Korp tgħid ukoll li rridu nkunu fdati. Kif nistgħu niksbu din il-fiduċja mingħand il-pajżan? Meta nilħqu l-livel professjonali hija loġika li l-fiduċja ħa tikber. Il-pulizija meta tkun qegħda tgawdi mill-fiduċja tal-poplu in ġenerali tkun tista' topera b'iktar kunfidenza u leġittimità u allura ħa nkunu iktar effettivi fuq xogħolna.

Nixtieq nagħlaq b'parir żgħir, biex dan kollu li ntqal hawn fuq nagħmluh iktar sempliċi u fattibli. Biex nibdew din il-katina għas-suċċess, li tkun professjonali – li tkun afdat – li jkollok il-kunfidenza tan-nies imma anki fik innifsek, li tkun iktar effettiv u effiċenti – meta nkunu qegħdin naqdu dmirijietna (u anki meta mhux xogħol, għax il-ġurament jgħodd dejjem) irridu nistaqsu lilna nfusna u naħsbu, "kieku ġrali bħal dan ta' quddiemi, kif nixtieq ninqeda? Kieku din il-mara li ġiet tagħmel rapport ta' abbuż domestiku, hija ommi jew oħti, kif tixtieq li jitrattawha?" L-empatija u l-mogħdrija huma essenzjali biex inkunu professjonali.



# Rendikont tas-Sena tal-Kumitat tal-Malta Police Fund Ad Hoc Committee

Minn Clive Borg – Segretarju MPF Ad Hoc Committee

Is-segwenti huwa rendikont tal-ħidma għall-perjodu 2021/2022 magħmula mill-Malta Police Fund Ad Hoc Committee, liema kumitat hu kompost mill-Kummissarju tal-Pulizija, id-DC Field & Operational Support, L-AC District Region A, il-MARPO, l-MPU u l-POU. Dan il-Kumitat ġeneralment jitlaqqa' darba kull tliet xhur biex jiddiskuti kif l-aħjar jintużaw il-kontribuzzjonijiet miġbura mingħand il-membri tal-Korp.

Sa mill-2015 l-accounts ta' dan il-Fond qed jiġi awditjat mill-Awditur Ġenerali. Kull rakkomandazzjoni magħmula minnu, il-Kumitat jara li tiġi rispettata u esegwita fejn u kif possibbli. Dan wassal għal aktar trasparenza u kif indikat miċ-ċirkulari GHQ 15/2021 il-persentaġġi ta' nfieq jiġu riveduti kif turi t-tabella hawn taħt:

| **Allokazzjoni** | **Persentaġġ** |
|---|---|
| Attivitajiet soċjali organizzati għall-membri matul is-sena | 40% |
| Assoċjazzjoni Mutual Help | 50% |
| Fond tal-welfare u spejjeż amministrattivi | 10% |

Mis-sena 2018, il-kontribuzzjoni mandatorja ta' €13.98 qed tiġi mnaqqsa awtomatikament mill-paga ta' kull membru tal-Korp kull tliet xhur. Mill-kuntratt il-ġdid li jmiss, RPCs ukoll se jibdew iħallsu din il-miżata. Din tintitolahom li jekk jiġu nieqsa waqt il-qadi ta' dmirijiethom, l-eredi tagħhom jieħdu s-somma ta' €3,000 mill-fond tal-Malta Police Fund. Min kien fl-iskema tal-Mutual Help li għalqet fis-sena 2017, is-somma ta' rifużjoni xorta waħda se tingħata meta fl-Iskema tar-Rifużjoni jkun imisshom. Wieħed ta min jinnota li RPC li qiegħed fl-Iskema ta' Rifużjoni li jiġi nieqes waqt li għadu mal-Korp u jkun ġa tħallas taħt l-iskema, is-somma tat-tlett elef titnaqqas bl-ammont rifondat.

Il-Covid ċaħditna milli jsiru l-festini tal-Milied u f'Jum il-Pulizija. Fuq nota pożittiva din sarrfet f'inqas infieq mill-Fond u dawn il-flus setgħu jiġu allokati biex il-proġett ta' madwar €40,000 li jikkonsisti fit-tibdil tal-irħam kollu tal-Qabar tal-Korp fl-aħħar jiġi attwat.

Barra minn hekk, flus li ma ntefqux għenu biex jitħaffef il-proċess ta' rifużjoni tal-Iskema tal-Mutual Help li għalqet fuq rakkomandazzjoni tal-Awditur Ġenerali fl-2017. Sa mill-2019 diġà tħallsu l-kumpens tagħhom mal-163 membru fl-imsemmija skema. It-triq għar-rifużjoni ta' kulħadd għadha waħda twila b'765 membru ieħor jistennew il-kumpens tagħhom bi stima li l-ħlas ta' kulħadd isir fi żmien għaxar snin. Il-fatt li l-membri tal-Korp naqsu, mhux qed jgħin biex din l-obbligazzjoni tiġi mħallsa kollha kif pjanat.

Jekk għandkom xi rakkomandazzjonijiet fejn dan il-Kumitat jista' jkun aktar ta' servizz, inħeġġiġkom tkellmu lill-unions rispettivi tagħkom jew kwalunkwe membru ta' dan il-Kumitat.

# Gwida għal dieta sustanzjuża




Minn Dr. Charlene Tonna - MI Room

Uffiċjali fil-qasam tal-infurzar mhumiex l-uniċi li fosthom hemm rata għolja ta' żieda fil-piż. Huwa veru li fatturi bijoloġiċi u soċjali jikkontribwixxu għal żieda fil-piż, però l-ikbar żewġ kontributuri huma dieta ħażina u nuqqas ta' eżerċizzju. Ħxuna u dieta ħażina huma l-fatturi ewlenin għall-mard tal-qalb, dijabete u pressjoni għolja, fost mard ieħor.

Dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-infurzar, jaffaċjaw sfidi sabiex jieklu dieta tajba speċjalment waqt il-ħin tax-xogħol. Ħinijiet twal ta' xiftijiet, ħinijiet twal bilqiegħda u xiftijiet ta' bil-lejl, kollha potenzjalment itellfu minn dieta b'saħħitha. F'dan ir-rigward, dawk kollha li jaħdmu f'dan is-settur għandhom ikunu proattivi u jippjanaw ġurnata b'ġurnata x' ser jieklu.

Imsemmija hawn isfel huma ideat ta' gwida biex jgħinu konsum ta' ikel aktar bnin u li jżomm livell ta' enerġija stabbli tul il-ħinijiet tax-xift.

**1) Evita kaloriji vojta** – Ikel junk u proċessat, bħall-qali u ħelu, jissuplixxu biss b'kaloriji vojta u ftit tal-ħin wara jikkawżaw kollass fil-livelli tal-enerġija. Apparti minn hekk jinkoraġġixxu li jinġema' x-xaħam, li jwassal għall-obeżità.

**2) Kul ikel dens fin-nutrijienti** – Għażel ikel bħal frott, ħaxix, legumi, ġewż, lewż u żrieragħ. Dan it-tip ta' ikel huwa konvenjenti għax iżommok għal tul ta ħin u jagħtik l-enerġija. Apparti minn hekk huwa faċli biex iġġorru miegħek.

**3) Ġib miegħek ix-xogħol ikel ippakjat** – Meta jkollok miegħek ikel ippakkjat inqas ħa tiġik it-tentazzjoni biex tixtri ikel junk. Importanti li tippjana bil-quddiem meta tkun id-dar biex tlesti l-ikel li ħa tieħdu miegħek ix-xogħol. Apparti li tkun qiegħed tieħu ħsieb saħħtek tkun qiegħed tiffranka l-flus ukoll!

**4) Ikkonsma livell għoli ta' proteina** – Jekk apparti ikel għoli fil-proteini, tieħu protein shakes jew protein bars biex iżżid il-konsum tal-proteini, importanti li tikkunsidra l-kwalità tal-prodott. Dan ifisser li trid tara l-ammont ta' proteina f'kull porzjon ta' prodott. Gwida tajba hija li timmultiplika l-grammi ta' proteina fil-porzjon b'mija, u iddividi r-riżultat bl-ammont tal-porzjon fi grammi. Riżultat ta' aktar minn 75% ifisser li l-prodott huwa sors eċċellenti ta' proteina.

**5) Aqleb għall-karboidrati skuri** – ross kannella hu sustanzjuż għax fih ħafna fibra u kalċju. Peress illi huwa prodott bi glycemic index baxx, huwa ideali biex jgħin jirregola l-livell tal-insulina.

**6) Ixrob l-ilma** – Luminati u juices huma mimlijin zokkor. Dawk li huma tad-dieta, min-naħa l-oħra fihom sustanza li xejn ma tagħmel ġid il-ġisem u hija wkoll marbuta mal-inċidenza tal-kanċer. L-ilma huwa l-aħjar xarba għaliex jgħin biex ineħħi t-tossiċi mill-ġisem, iżomm il-ġilda idrata u jneħħi l-għejja.

Jekk tagħmilha prijorità li tiekol sustanzjuż meta tkun waqt il-ħin tax-xogħol, ħa ssib li din issir parti mir-rutina tiegħek u b'hekk bil-mod il-mod, dieta bilanċjata ssir l-istil tal-ħajja tiegħek. M'għandniex xi ngħidu, l-eżerċizzju għadu jkun parti integrali mill-ħajja tagħna, imqar nofs siegħa kuljum.

Żomm ruħek 'fit for duty!'



JOHNNIE WALKER
JOHNNIE WALKER
SHERRY
AGED 12 YEARS
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
drinkawaremalta.com
for the facts

# Qafas Ewropew fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata

Mid-Deputat Kummissarju Alexandra Mamo u Mis-Sur Andrew Seychell

Waħda mill-aktar funzjonijiet importanti fejn jidħol ix-xogħol tal-Pulizija, hi li tiżdied il-kooperazzjoni pulizjeska anke barra minn xtutna.

Għal għexieren ta' snin, il-Pulizija Maltija għamlet dak kollu possibbli sabiex tindirizza l-kriminalità ma' sħabha. Din bdiet meta Malta saret membru tal-Interpol fil-bidu tas-snin sebgħin u wara, meta fil-bidu tas-snin elfejn, hekk kif sirna parti mill-Unjoni Ewropea, sirna wkoll membri tal-Europol.

Matul dan iż-żmien, il-kuntatti bilaterali ma' servizzi ta' pulizija barranin komplew jiżdiedu għaliex minn dejjem fehemna li prattikament din hija s-sinsla għall-riżultat tajjeb u b'saħħtu fejn tidħol il-kooperazzjoni.

**X'inhi l-EMPACT?** Fil-qosor, EMPACT tfisser European Multi-disciplinary Platform Against Criminal Threats. Din hija inizzjattiva multi-dixxiplinarja Ewropea msewsa fuq intelligence u evidenza. L-iskop hu li tirrispondi għat-theddid serju tal-kriminalità li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea. Hija mmexxija mill-Istati Membri tal-Unjoni, imma hemm involuti wkoll diversi aġenziji oħra tal-istess UE. Dawn jinkludu l-aġenzija għall-infurzar tal-liġi, u istituzzjonjiet u aġenziji oħra tal-UE, organizzazzjonijiet u aġenziji pubbliċi u privati u numru ta' pajjiżi u organizzazzjonijiet li mhumiex parti mill-Unjoni.

Storikament, l-inizjattiva tal-EMPACT ġiet implimentata għall-ewwel darba fis-sena 2021 sal-2013. Wara, kien hemm żewġ ċikli oħra ta' erba' snin kull darba. Waħda mis-sena 2014 sal-2017, li kienet spiċċat fl-istess żmien meta Malta kellha l-Presidenza tal-Kunsill u allura kellna sehem qawwi fil-proċess tal-għeluq ta' ċiklu u bidu ta' ieħor li kopra l-perjodu bejn is-sena 2018 u s-sena 2021. Fis-26 ta' Mejju 2021, ġew addottati l-konklużjonijiet tal-Unjoni fejn ġew identifikati għaxar prijoritajiet ta' forom ta' kriminalità biex jiġu miġġielda taħt il-qafas tal-EMPACT għas-snin 2022-2025. Dan kien ibbażat fuq ir-rapport tal-aġenzija Europol magħruf bħala SOCTA (Serious and Organised Crime Threat Assessment).

Huwa ta' sodifazzjon illi l-Kummissarju tal-Pulizija għażel illi jinvolvi numru ta' uffiċjali mill-Korp biex jipparteċipaw u jkopru l-għaxar prijoritajiet ta' kriminalità li jkopru ċ-ċiklu tal-politika għas-snin 2022-2025. Dan għall-raġunijiet diversi, imma anke peress li wieħed jirrikonoxxi l-bżonn li titkompla l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata li lkoll kemm aħna nafu kemm saret kumplessa u dinamika. Żewġ uffiċjali tad-Dwana wkoll qed jipparteċipaw u ser ikopru żewġ azzjonijiet operazzjonali, kif indikat aktar 'il quddiem f'dan l-artiklu. L-għaxar prijoritajiet ta' kriminalità jkopru ħmistax-il pjan ta' azzjoni li huma magħrufa bħala Operational Action Plans (OAP).

M'hemmx għalfejn insemmu li l-kontribuzzjoni tal-ħmistax-il uffiċjal li ġew inkarigati biex jappoġġjaw l-attivitajiet tal-għaxar prijoritajiet, li ħafna minnhom fihom aktar minn pjan ta' azzjoni waħda, mhux ser jgħinu biex itejbu l-kuntatti personali tagħhom biss ma' uffiċjali ta' stati Membri oħra tal-Unjoni, aġenziji u parteċipanti ta' stati li mhux parti mill-Unjoni, imma ser tgħinhom ukoll biex iżidu l-għarfien tagħhom, anke billi jifhmu aħjar id-differenzi legali, investigattivi u kulturali tal-uffiċjali li jkunu qed jittrattaw magħhom.

Mingħajr ma nidħlu f'dettalji speċifiċi, għalkemm hija x-xewqa tal-awturi ta' dan l-artiklu li jilqgħu b'apprezzament mistoqsijiet li jistgħu jagħmlu dawk li jaqrawh, l-uffiċjali inkarigati biex

isegwu dawn il-prijoritjiet kriminali nafuhom bħala 'parteċipanti' tal-pjani tal-operazzjonijiet t'azzjoni. Minnhom huwa mistenni li attivament jikkontribbwixxu b'metodi diversi u li jaqsmu informazzjoni u intelliġenza ma' parteċipanti oħra li jkunu qed jikkontribwixxu fil-prijorità kriminali relevanti. Għal dan il-għan huma jingħataw aċċess għas-sistema sigura tal-Europol, magħrufa aħjar bħala SIENA u ċioè s-Secure Information Exchange Network Application, u dan barra minn doveri oħra relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom.

Mhix l-intenzjoni ta' min kiteb l-artiklu li jindirizza kumplessitajiet u d-dettalji legali u proċessi oħra tal-EMPACT, imma l-iskop hu biex sempliċement jindika eżempji ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-vantaġġi li fihom dawn l-inizzjattivi li huma mmirati li jressqu aktar qrib xulxin, uffiċjali ta' stati differenti, lill-Unjoni Ewropea, pajjiżi terzi, aġenziji u istituzzjonijiet tal-Unjoni u oħrajn, kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali, u msieħba pubbliċi jew privati. L-għan ta' dan kollu hu biex jiġi indirizzat it-theddid prinċipali ta' kriminalità organizzata u serja internazzjonalment.

Kif jiġu magħżula l-prijoritajiet għaċ-ċiklu tal-erbgħa snin li semmejna aktar 'il quddiem? X'inhuma l-prijoritajiet għas-snin 2022-2025? X'inhuma l-miri u min huma l-parteċipanti Maltin?

Il-prijoritajiet kriminali jiġu identifikati fuq bażi tar-rapport ta' valutazzjoni dwar theddid ta' reati serji u organizzati, kif diġà semmejna s-SOCTA, li jiġi prodott mill-Aġenzija Europol qabel kull ċiklu. Il-prodott jinħadem fuq analiżi komprensiva ta' informazzjoni fuq attivitajiet kriminali u netwerks li jistgħu jaffetwaw lill-Unjoni Ewropea. Il-kontribuzzjonijiet jintbagħtu lill-Europol mill-pajjiżi tal-Unjoni, Aġenziji u Istituzzjonijiet tal-Unjoni, u organizazzjonijiet internazzjonali. Ibbażati fuq dawn il-kontribuzzjonijiet, jiġu identifikati l-prijoritjiet kriminali u wara li jkun hemm il-proċess legali kif provdut fl-Unjoni, dawn jiġu approvati.

Hawn taħt hija lista ta' prijoritajiet, il-miri u d-dettalji tal-parteċipanti mill-Korp tal-Pulizija u mid-Dwana ta' Malta, għas-snin 2022 - 2025, imqassma skont in-natura tar-reat.
**High-risk criminal networks – Supretendent Malcolm Bondin:** Il-mira hi li jiġu identifikati u mfixxkla netwerks kriminali ta' riskju għoli (inkluż netwerks tat-tip ta' MAFIA) li huma attivi fl-Unjoni Ewropea, b'enfasi speċjali għal dawk li jużaw mezzi ta' korruzzjoni, atti ta' vjolenza, armi u ħasil ta' flus, permezz ta' dak li nsejħu parallel underground financial systems.

**Cyber-attacks – Spettur Markus Cachia:** Il-miri huma kontra kriminali li jorkestraw attakki ċibernatiċi (cyber-attacks), partikolarment dawk li joffru servizzi kriminali speċjalizzati online.

**Trafficking in human beings – Spettur Kylie Borg:** Il-miri huma li jfixxklu netwerks kriminali involuti fit-traffikar ta' bnedmin, billi jiffokaw fuq l-esplojtazzjoni ta' minuri, dawk li jużaw jew jheddu vittmi u l-familji tagħhom bi vjolenza u dawk li huma involuti f'reklutaġġ u reklamar ta' vittmi online.

**Child sexual exploitation – Spettur Elton Buckingham:** Il-miri huma li jiġi kkumbattut l-abbuż online u offline, inkluż il-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal abbużiv ta' minuri kif ukoll l-isfruttament sesswali online.

**Migrant smuggling – Spettur Frankie Sammut:** Il-mira hi fil-ġlieda kontra netwerks kriminali li huma involuti fil-kuntrabandu ta' bnedmin partikolarment dawk li jipprovdu u jiffaċilitaw is-servizzi tagħhom fir-rotot migratorji.

**Drugs trafficking – Spettur Marshal Mallia (Kannabis, kokaina u eroina) u Spettur Mark Mercieca (Drogi sintetiċi u sustanżi psycho-attivi):** Fuq din hemm żewġ pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali u żewġ uffiċjali qed jipparteċipaw. Il-mira hi li jiġu identifikati u jsir xogħol immirat fuq netwerks kriminali involuti fit-traffikar ta' droga, inkluż it-traffikar u distribuzzjoni tal-kannabis, kokaina, eroina, drogi sintetiċi u sustanżi psycho-attivi ġodda.

**Fraud, economic and financial crimes – Spettur Clive Brimmer (Frodi online). Is-Sur Emmerson Calleja mid-Dwana (Frodi relatati mas-sisa), Spettur Josef Xerri (MTIC (VAT)) Fraud). Is-Sur George Agius mid-Dwana (Reati ta' propjetà intellettwali, reati ta' ffalsifikar ta' oġġetti u flus). Supretendent Sandro Camilleri (Finanzjar kriminali u ħasil ta' flus);** Frodi, attivitajiet ta' kriminalità ekonomika u finanzjarja qed jiżviluppaw b'mod stabbli u għaldaqstant din il-prijorità kriminali hija koperta b'ħames pjani ta' azzjoni kriminali. L-għan hu li jiġu identifikati kriminali li jorkestraw każi ta' frodi, reati ekonomiċi u finanzjari, u dan jinkludi skemi ta' frodi online, frodi relatati mas-sisa, missing trader intra community fraud (MTIC), reati ta' propjetà intellettwali, reati ta' ffalsifikar ta' oġġetti u flus, finanzjar kriminali u ħasil ta' flus.

**Organised property crime – Supretendent Fabian Fleri:** Il-miri huma li jiġu mfixxkla networks kriminali li huma involuti fuq reati organizzati kontra l-propjetà, u jiffokaw fuq kull forma ta' serq organizzat jew serq b'armi, serq ta' vetturi u kummerċ illeċitu ta' beni kulturali.

**Environmental crime – Spettur Elliot Magro:** Dan intiż biex jiġu miġġielda netwerks ta' reati ambjentali ta' kull forma u partikolarment dawk li għandhom il-kapaċità li jinfiltraw, strutturi ta' negożji legali jew iwaqqfu l-kumpaniji tagħhom stess biex jiffaċilitaw l-istess reati.

**Firearms trafficking – Kuntistabbli Patrick Farrugia:** Dan biex jiġu identifikati u mfixxkla kriminali li huma involuti fit-traffikar, distribuzzjoni u l-użu ta' armi.

Barra minn dawn il-prijoritajiet, ir-reati li jinvolvu l-produzzjoni u provista ta' dokumenti foloz qed tiġi ndirizzata bħala għan strateġiku orizzontali, għaliex kif jaf kulħadd, dan hu mezz ewlieni biex jitħaddmu reati diversi.

Il-pjan ta' hawn taħt qed jiġi riprodott biex wieħed jifhem aħjar u malajr l-attivitajiet li ser ikun hemm mas-sħab operazzjonali tagħna.




Kif semmejna fil-bidu ta' dan l-artiklu aħna nkomplu nenfasizzaw fuq l-importanza ta' sforzi magħquda li qed isiru bejn dawk kollha li ġew indikati aktar 'il quddiem, sabiex tiġi ndirizzata b'suċċess il-kriminalità organizzata. Permezz tal-EMPACT aħna nħarsu 'l bogħod biex intejbu kemm il-miżuri preventivi kif ukoll dawk ripressivi, u aktar biex nipparteċipaw f'attivitajiet investigattivi, u dan permezz ta' azzjonijiet operazzjonali u strateġiċi. Nagħmlu minn kollox biex inkunu nistgħu nżommukom aġġornati dwar dawn l-attivitajiet, il-għaliex jista' jkun hemm xi wħud fejn intom ukoll tkunu involuti, speċjalment meta jkun hemm ġranet ta' azzjonijiet konġunti (Joint Action Days) fejn ċerti attivitajiet investigattivi jsiru fuq skala Ewropea u kollha fl-istess ħin.

Biex nikkonkludu ma nixtiqux li ma nsemmux element ieħor li s'issa ma rreferejniex għalih u li ħallejna għall-aħħar, peress li huwa element ewlieni għas-suċċess ta' dan iċ-ċiklu li beda fil-bidu ta' din is-sena. Il-parteċipanti tagħna ser jagħmlu ħafna sforzi biex ikopru r-rwol tagħhom anke minħabba li dan hu fl-interess nazzjonali. Madankollu, huma jistennew ukoll is-support u kontribuzzjoni minn kull membru tal-Korp, kull meta jkun hemm il-ħtieġa.




# Salia

Every Table Tells A Story

**Salia Mellieħa**
db Seabank Resort + Spa
2289 1000

**Salia Qawra**
db San Antonio Hotel + Spa
2158 3434





BOV
PRESENTS
DRIVE INTO THE FUTURE
WITH
NO SECURITY & CONTRIBUTION REQUIRED
BOV 001
CONTACT US
Get in touch | bov.com/motorloans | @bovofficial
All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age. Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is regulated by the MFSA and licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# Mill-Uffiċċju Legali

Minn Dr. Lynn Schembri – Junior Legal Officer

Mistoqsija li dan l-uffiċċju jirċievi ta' sikwit hija dik dwar l-użu tal-metal detectors, fejn individwi jkunu jixtiequ jikkjarifikaw jekk jistgħux jagħmlu użu ta' dan l-apparat fil-gżejjer Maltin, speċjalment fuq il-bajjiet.

Skont ir-riċerka li għamilna, jidher illi ma hemm l-ebda liġi stabbilita li tfixkel l-użu ta' metal detector f'Malta. Ta' min jinnota li jekk xi ħadd isib xi ħaġa li ma tkunx tiegħu, huwa marbut li jirritornaha lura lil sidha jew lill-Pulizija. Dan il-prinċipju jinsab kemm fil-Kodiċi Kriminali kif ukoll fil-Kodiċi Ċivili.

Skont l-Artikolu 340 tal-Kodiċi Kriminali, kull persuna hija ħatja ta' kontravenzjoni kontra l-propjetà, meta ssib xi propjetà mobbli li tkun naqset lil xi persuna jew tkun mitlufa, u tonqos illi fi żmien tlett ijiem, milli tagħti informazzjoni rigward dan l-oġġett lill-Pulizija Eżekuttiva.

Barra minn hekk, Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li kull persuna li ssib xi ħaġa mobbli, li ma tkunx teżor, hija marbuta li tirrestawraha lill-pussessur preċedent tagħha, jekk tkun magħrufa, inkella din il-persuna hija marbuta li tgħaddi din il-ħaġa mobbli lill-Pulizija mingħajr dewmien.

Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jippubblika permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, lista ta' affarijiet mobbli u għandu jerġa' jippubblika dik il-lista, bl-eċċezzjoni tal-affarijiet li jkunu ġew irritornati lil sidhom, wara tliet xhur mill-imsemmi avviż.

Għalhekk, dan iżomm l-obbligu legali tal-persuna li tirrapporta lill-Pulizija sejba ta' xi propjetà li tkun intilfet.



# Attivitajiet ta' Ritorn Infurzat

Mill-uffiċċju tal-proġetti

Proġett importanti li jaqa' taħt il-Korp tal-Pulizija huwa l-proġett ta' attivitajiet ta' ritorn infurzat. Dan il-proġett jimmira sabiex dawk l-immigranti li ma jkunux qegħdin Malta skont il-liġi tal-Immigrazzjoni, jintbagħtu lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom. Dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu immigranti li jkunu daħlu Malta mingħajr l-awtorizazzjoni neċessarja. Però, dawn is-sitwazzjonijiet jinkorporaw ukoll dawk l-immigranti li jkunu daħlu Malta b'mod legali iżda li l-viża tagħhom tkun skadiet u b'hekk dawn jissejħu overstayers, jew meta d-dokumentazzjonijiet li kellhom ma jibqgħux validi.

Il-proġett Attivitajiet ta' Ritorn Infurzat jagħmel parti mill-fondi AMIF (Fondi għall-Ażil, Immigrazzjoni u Integrazzjoni) 2014-2020. Minnu ntefqu madwar €969,000.00 f'biljetti tar-ritorn għal dawn in-nies.

Matul il-proġett, kellna seba' chartered flights fejn l-immigranti ġew skortati minn uffiċċjali mediċi u monitors lura lejn pajjiżi bħas-Serbja, Peru, Bangladesh u Ghana. L-aktar li ġew ripatrijati huma dawk li jkunu mill-Ewropa tal-Lvant u ma jkunux membri tal-Unjoni Ewropea. Kien hemm ukoll ripatrijazzjonijiet għal pajjiżi bħaċ-Ċina u l-Kolombja, fost l-oħrajn.
Dan il-proġett ħa jingħalaq fl-aħħar ta' Diċembru 2022, madankollu l-proġett se jerġa' jiskatta mil-2023 mill-fondi AMIF (Fondi għall-Ażil, Immigrazzjoni u Integrazzjoni) 2021-2027.

Asylum, Migration and Integration Fund 2014 – 2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

# Rokna Sportiva

**MALTA POLICE INTERNAL FOOTBALL LEAGUE**

Għall-ewwel darba wara ħafna snin, il-Kumitat Sportiv qed jorganizza Football League intern għall-membri minn diversi taqsimiet u distretti. Dan il-league kien ferm mistenni u wara ħafna preparamenti, dan il-league ngħata l-bidu tiegħu propju fix-xahar ta' Ottubru ġewwa l-Football Grounds tal-Pietà. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ħadem sabiex dan il-league jseħħ.

**BOWLING TOURNAMENT**



Bħalma seħħ għal dawn l-aħħar snin, il-M.P.S.C. kien mistieden sabiex jipparteċipa fil-M.E.S.A. Bowling Tournament fl-14 ta' Novembru 2022 ġewwa l-Eden Superbowl, f'San Ġiljan. It-tim li rrappreżenta l-Korp tal-Pulizija kien kompost mill-Ispettur Ian Vella, PS 1122 Arthur Rizzo, PC 269 Miguel Xuereb u PC 2046 Daniel Said.

F'din l-edizzjoni kien hemm konkors qawwi u fil-fatt ħadu sehem tmintax-il tim minn diversi oqsma differenti, fejn dawn it-timijiet kienu maqsuma f'żewġ kategoriji, dik tal-Beginners u l-oħra tal-Elite. It-tim tal-Pulizija lagħab fil-kategorija Elite u wara li lagħab iż-żewġ logħbiet tiegħu, b'total ta' 1282 scratch pinfall, irnexxilhom jiksbu t-tielet post.

Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lill-membri li ħadu sehem f'dan it-tournament u li ġabu dan ir-riżultat ferm pożittiv.









DACIA **SANDERO** | DACIA **SANDERO STEPWAY** | DACIA **DUSTER**

5 year Service Plan also available.

**KIND'S**
AUTO SALES LTD

Mosta Road, Lija, Malta. Tel: 21433601
Borg Gharib Road, Ghajnsielem, Gozo. Tel: 21411357
Email: sales@autosales.com.mt   Kind's | www.autosales.com.mt

acim

# ĦALLIX JUM JGĦADDI MIMLI DMUGĦ.




## JEKK SE TIXROB

## ISSUQX!

tm
Transport Malta

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

MALTA ROAD SAFETY COUNCIL

# Il-festi tal-Milied għall-uffiċjali tal-Korp

Employee Support Programme Unit

Il-Milied huwa żmien ta' ċelebrazzjoni imma għal xi wħud dan iż-żmien jista' jkun diffiċli minħabba d-dmirijiet u n-natura tax-xogħol tagħhom.  Huwa fatt li bħala uffiċjali tal-pulizija tkomplu bil-ħidma tagħkom anki fi żmien il-Milied. Uffiċjal tal-pulizija jista' jinzerta xogħol lejliet jew fil-jum tal-Milied kif ukoll fl-Ewwel tas-Sena. Minħabba f'hekk jaf ma tkunux tistgħu tqattgħu biżżejjed ħin mal-għeżież tagħkom u għaldaqstant jista' jkun tħossukom frustrati u ddispjaċuti. Min ilu fil-Korp jista' jkun dara din is-sitwazzjoni però jaf tiltaqgħu ma' kollegi tagħkom li għadhom isibuha diffiċli.

Iċ-ċirkostanzi li tiltaqgħu magħhom ma jiqfux fi żmien il-Milied anzi jista' jkun saħansitra jiżdiedu bħal rapporti ta' vjolenza domestika u abbuż, inċidenti fit-toroq f'diversi ħinijiet tal-ġurnata speċjalment matul il-lejl, żieda ta' mwiet u suwiċidji fost l-aktar vulnerabbli, biex insemmu xi wħud. Dawn it-traġedji jistgħu jkomplu jżidulkom l-istress u dwejjaq u forsi wara xift diffiċli ftit li xejn ikollkom aptit imbagħad tiltaqgħu ma' nies oħra biex tiċċelebraw dawn il-festi.

Minkejja kollox dawn il-punti li ġejjin huma xi suġġerimenti li tistgħu tagħmlu biex tiċċelebraw il-festi bl-aħjar mod possibbli:

1. **Ara li tirrikonoxxi l-emozzjonijiet tiegħek.** Jekk inti qed tħossok imtaqqal jew bid-dwejjaq, għaraf dawn l-emozzjonijiet u fittex lil xi ħadd tal-fiduċja tiegħek biex titkellem.

2. **Qassam il-ħin tiegħek**. Iddiskuti ma' sħabek li ħa tkun xogħol magħhom u ppjanaw xi ikla speċjali flimkien.

3. **Pjana minn qabel.** Jekk taf li ser taħdem fil-granet tal-Milied jew l-Ewwel tas-Sena, sib dati oħra biex tiċċelebra mal-familja tiegħek. Huwa importanti li jkollok avvenimenti man-nies li huma speċjali għalik.

4. **Illimita l-ħin fuq il-midja soċjali.** Jekk qed tħossok frustrat li qed taħdem, jaf ma tkunx idea tajba li tara lil kulħadd jiċċelebra mal-familja fuq il-midja soċjali.

5. **Sib ħin għalik meta ma tkunx xogħol.** Iddedika ħin għalik anki biex tixtri xi rigali. Sib attivitajiet li tħobb tagħmel eżempju li tmur mixja fil-kampanja jew tiltaqa' ma' xi nies li tkun ilek ma tgawdihom ftit.



Il-Milied huwa żmien partikolari ħafna u jaf iqanqal emozzjonijiet differenti għal nies differenti. Hawn min ma jiddejjaqx jaħdem fi żmien il-Milied, filwaqt li hawn min taffetwah b'mod negattiv. Kulħadd differenti. Li hu żgur hu li bis-saħħa tas-servizz tagħkom tgħinu lill-poplu Malti u Għawdxi jgawdi dan iż-żmien ta' festi bl-iktar mod sigur. Grazzi mil-qalb tas-servizz tagħkom.




# APPREZZAMENTI

## Mingħand il-Komunità

• I am writing this email to show my appreciation towards PC 577 (Mgarr, Gozo) for his prompt efficient and dedicated service towards his job. My case was closed within a week and all the items, which had been stolen where, returned to me. Thank you to everyone who worked on the case.

• 2 weeks ago I made a report with PS 918 and PC 2094 about a fraud that happened to me. After I filed a report at Birkirkara Police Station these two officers took my case very serious and thank God my case was resolved quicker then I told. They kept me updated all the time through the case. I really appreciate the effort and dedication of these two officers. Outstanding!! Please forward this message to them.

• I have no words to express my appreciation and gratitude towards PS 2187 of Paola Police Station. I lodged a police report that my car was stolen a day before an another shift, and as soon she reported to work she took over the case, by solving and identifying the other persons who took my car. Some weeks before, she also solved me another case of fraud. Needless to say that, she is very professional, good listener and a very dedicated police sergeant!

• Illum l-għarus tiegħi kellu aċċident bil-karozza l-Iklin, skiddja van tal-ħaxix ġo fih. Nixtieq nirringrazzja lis-surġent PS 1289 li waqaf biex jara għandux bżonn xi ħaġa. Grazzi mill-qalb.

• I would like to commend the constables who dealt with me when my wallet was stolen whilst on holiday in Malta. I went to Sliema Police Station to report the theft and was dealt with by PCs 1429 and 1341. They were professional and efficient but also understanding and sympathetic of my upset and shock at being robbed. Although they could do nothing about the lost wallet, their attitude made me feel less stressed by the incident. When I went to the station the next day to collect the written report I was dealt with equally efficiently and sympathetically by PC 2166. Thank you to all three for easing the distress this incident caused my wife and myself. We enjoyed the rest of our holiday and hope to return when health issues allow. Please pass on our thanks

# Bin it right. The organic bag is white.

**Separate right, make our future bright**



wsm.com.mt

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

ECOHIVE

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY AND ENTERPRISE


medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
beat yesterday.
GARMIN
Now is the perfect time to move


ToyBeez
toybeez.com


THE MALTA NATIONAL
AQUARIUM
YOURS TO DISCOVER
WWW.AQUARIUM.COM.MT
INFO@AQUARIUM.COM.MT | TEL:2258 8100
JOIN US ON FACEBOOK.COM/MALTANATIONALAQUARIUM
VALID UPON PRESENTATION OF THIS ADVERT
€3
DISCOUNT
VALID ON NORMAL
ADULT ENTRY

POU GWU
Police Officers Union

Minn Steve Spiteri – Viċi President

**Ftehim Settorjali**




Internament, il-Police Officers Union ilha għaddejja bil-preparazzjoni u riċerka mill-bidu ta' din is-sena. Il-ħsieb dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet għall-membri tagħna ma jieqaf qatt. Bħalma diġà ġew jew bagħtu messaġġi jekk hawn xi ħadd li jkollu xi proposta li jixtieq jgħaddiha lilna biex tiġi kunsidrata, jista' jagħmel dan billi jiġi l-uffiċċju l-Furjana fejn il-garaxx tal-Pulizija, jibgħat email fuq policeofficersunion@gmail.com iċempel fuq 7901 0777 jew javviċina lil xi ħadd mill-Kumitat jew shopstewards tagħna.

Kif qed nitkellmu fuq il-ftehim settorjali, ma nistax ma nsemmix ir-riżultat pożittiv u ġust li rnexxilna nġibu bħala Police Officers Union. L-anomalija li kienet inħolqot fl-aħħar ftehim rigward ir-rank ta' kuntistabbli anzjan (Senior Constable). Dan effettwa lill-kuntistabblijiet li kienu telqu mill-Korp wara li ġie ffirmat il-ftehim settorjali. Peress li tniżżel li dawn ħadu 'promotion' meta saru 'senior constable' allura kellhom jagħmlu 3 snin f'dik il-pożizzjoni biex ikunu ntitolati għal pensjoni ta' dik l-skala. Min telaq qabel dawn it-tliet snin, il-pensjoni ma kinitx riflessa fuq l-aħħar paga. Il-P.O.U./G.W.U. kienet ilha titkellem minn meta saret taf b'din l-anomalija jew inġustizzja biex tiġi riżolta din is-sitwazzjoni. Din is-sena, kull min telaq qabel it-tliet snin ingħata d-differenza b'lura u ġiet aġġustata l-pensjoni wkoll. Mhux biss iżda l-P.O.U./G.W.U. talbet biex tiġi mogħtija minn l-1 ta' Jannar 2018 u ġiet milqugħa. Ma nistgħux ma nirringrazzjawx lill-Ministru Byron Camilleri u s-Segretarju Permanenti s-Sur Emanuel Psaila talli fehemu u ġiet riżolta din is-sitwazzjoni.

Bħal dejjem u bla dubju, il-Police Officers qegħda hemm għalikom. Ingħaqdu magħna bħala membri għal €3.85ċ. Aktar informazzjoni ċemplu fuq 7901 0777.

Għaddiet sena oħra. Nirringrazzja lill-membri tagħna. Grazzi wkoll tmur lill-G.W.U. tal-assistenza tagħha speċjalment lis-Sur Kevin Camilleri li huwa l-liaison officer tagħna, kif ukoll lil Dr. Herman Mula tax-xogħol siewi li jagħmel mal-membri tagħna.

Bħala viċi president, f'isem il-President, il-kumitat u x-Shopstewards nawgura l-Milied it-tajjeb lilkom u lill-maħbubin tagħkom kif ukoll sena ġdida mimlija saħħa u ġid.

# Malta Association of Retired Police Officers

Mis-Sur Martin Pace – Assistent Segretarju MARPO

Il-Kunsill għamel żjarat ta' korteżija - laqgħat mal-President tar-Repubblika ta' Malta Dr George Vella, l-Ispeaker Dr Anglu Farrugia, Seg. Parlamentari Dr Andy Ellul u Shadow Minister Dr Joe Giglio. Ġew diskussi diversi suġġetti, fosthom l-pensjoni tal-pulizija, il-midalja għall-servizz twil u effiċjenti u l-COLA, li l-membri tagħna li ma laħqux l-età penzjonabbli mhux intitolati għaliha etc.

### Midalja LES

Sakemm joħroġ dan il-magażin inkunu ġbarna l-informazzjoni mingħand il-membri rigward id-data u l-midalja, speċjalment dawk li ma kwalifikawx. Dan sabiex naraw xi żviluppi jista' jkun hemm rigward l-għoti tal-midalja, speċjalment il-kriterji. Kif inlestu dan l-eżerċizzju nitolbu laqgħa mal-Ministru Dr Byron Camilleri sabiex nkomplu niddiskutu t-triq 'il quddiem.

Il-Kummissarju s-Sur Angelo Gafà ġentilment stieden il-Kunsill il-ġdid għal laqgħa waqt pranzu. Membri tal-Kunsill qed ikunu mistiedna mill-Kummissarju sabiex nattendu l-Passing Out Parades, Police Day u attivitajiet anċillari. Attendejna fuq l-oqbra tal-Pulizija kemm f'Lulju, kif wkoll f'Novembru 2022 u f'Jum it-Tifkira nhar it-13 ta' November 2022. Jiddispjaċina li l-attendenza tal-membri u ex-membri kienet fqira ħafna.

### Pre Budget 2023 - Il-MARPO issottomettiet dawn il-punti:

1. Dawk il-Pulizija penzjonanti li għadhom taħt l-età penzjonabbli u jirċievu biss il-penzjoni tat-teżor, jibdew jirċievu wkoll il-COLA kull sena, meta jitħabbar il-Budget. Dan skont il-manifest elettorali tal-Partit Laburista dwar Kundizzjonijiet ta' Xogħol Dinjitużi - proposta nru 843 li tgħid li "l-uffiċjali tal-korpi dixxiplinati huma ħaddiema u wara kull uffiċjal f'korp dixxiplinat hemm familja, ser inżidu l-penzjoni għas-servizz skont l-aġġustament annwali tal-għoli tal-ħajja sabiex din tirrifletti aktar il-ħtiġijiet tal-ġurnata".

2. Att 318 dwar is-Sigurtà Soċjali f'art. 59 għandu jkun simplifikat fis-sens li kull sena l-penzjoni tiġi aġġustata skont l-aħħar ftehim kollettiv settorjali, fil-każ tagħna tal-Korp tal-Pulizija. B'dan il-mekkaniżmu naħsbu li jitnaqqas l-impatt fuq il-membri tagħna rigward l-għoli tal-ħajja.

### Ad Hoc Committee - Malta Police General Fund

Kollettivament naraw li dan il-fond ikun miexi sewwa wara d-direzzjoni tal-Awditur Ġenerali. Fiċ-ċirkostanzi nieħdu ħsieb li l-membri tagħna jkollhom vuċi. Ġiet irranġata l-anomalija tal-RPCs. Membri tagħna li isimhom mhux fuq il-lista u ħallsu l-kontribuzzjonijiet, intervjenejna u fejn kien ġust l-ilment tagħhom, minħabba l-kriterji (ħlas kontinwu wara s-servizz sas-sena 2017), dawn ġew imqiegħda fuq il-lista sabiex meta jmisshom jieħdu s-somma miftehma. Huwa stmat li l-lista ta' ħlas tiġi eżawrita sas-sena 2030. Proponejna wkoll alternattiva għal dawk li ma kinux membri tagħna sa Diċembru 2017, però fiċ-ċirkostanzi mhux possibbli.

#### Parlament tal-Anzjani

L-ex Supretendent is-Sur Abraham Zammit kien il-kelliem f'din l-assemblea, il-vuċi tagħna sabiex jinstema' leħen il-membri li ma kkwalifikawx għall-midalja tas-servizz twil u effiċjenti, anke ta' dawk li kienu rtirati qabel l-1933, meta reġgħet ġiet rintrodotta.

### Stedina mill-Kummissarju tal-Pulizija lill-membri tal-MARPO

Il-quddiesa u l-bibita li jorganizza tradizzjonalment il-Kummissarju, lill-ex membri, hija pjanata li ssir nhar l-ewwel Ħadd tas-sena, jiġifieri l-Ħadd 8 ta' Jannar 2023 fid-9am ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Ġid u Saħħa u s-Sena t-tajba.

**AVVIŻ - Laqgħa Ġenerali Annwali MARPO, nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 2023 fid-9.30am ġewwa l-Uffiċċju l-Menqa.**
Ħudu nota minn issa tal-avviż ta' hawn fuq, dan għaliex mhux ser tirċievu ċirkolari, biex innaqqsu ftit l-ispejjeż.

**Nota: Ninfurmaw lill-qarreja li l-intervista mal-ex Kuntistabbli 148 Joseph Navarro li kienet ippublikata fil-ħarġa ta' Settembru ser tkompli fil-ħarġa ta' Marzu 2023.**


Bathrooms & Tiles
435,
St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202
floor tiles: 21482849
carini
www.carinibathrooms.com


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
We delivery Fuel and LPG to
Hotels · Domestic · Industrial · Farms · Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
Excellent quality products
24/7 delivery service
Flexible credit terms
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles"
FUEL & LPG SUPPLIER
PhBorg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com


BALLUT BLOCKS
Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com
Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Precast Slab Roofing
Tunnelling
Tunnelling Machine
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Piles
Precast Walls
GPC Concrete Solutions
General Precast Concrete Ltd
www.ballutblocks.com

# IMAGINE AN ARMOURY WHERE YOU CAN FIND ALL TYPES OF FIREARMS AND ACCESSORIES



Colt 1911 Government, .45ACP
Colt's Patent Fire Arms Mfg. Co.
USA 1914

## from antique, historical and rare collector arms



SIG XFIVE Legion, 9x19mm
Sig Sauer inc.
USA 2022

## to top brands with the most advanced technology

## backed by profound knowledge and experience guaranteeing a sound investment

## VISIT US TO DISCOVER MALTA'S FINEST SELECTION

LSB Armoury purchases collections and provides professional advice, valuations, restoration as well as film and theatre armourer services

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Armoury**
**Phoenix Business Centre, 23, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta**
**Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091/ 7906 0129**
**e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com**

# International Police Association

## Section Malta

### IPA Malta Committee 2022-2027

On 30th June 2022, the IPA Malta Section held elections for new committee members.

The Committee for the years 2022 – 2027 has been formed as follows:

| | |
|---|---|
| **National President** | **Joseph Borda** |
| **Vice President / Treasurer** | **Janet Zammit** |
| **Secretary General** | **Patrick Cassar** |
| **Member** | **Christopher Cutajar** |
| **Member** | **Lino Agius** |
| **Member** | **Ivan Brincat** |
| **Member** | **William Grech** |



## 65th IPA World Congress

The 65th IPA World Congress was held in Lloret de Mar, Spain between the 4th and the 9th October 2022.

Malta Section was represented by the National President Joseph Borda. During the congress various motions were discussed, among them were; the official language to be used, new IPA logos, legal advice, expulsion of Russia Section, IPA Games and Albania.

300 members from 80 different countries participated in this congress.
The World Congress for 2023 is planned to be held in Greece.




**Christmas and New Year Greetings**

The President and National Committee would like to wish all the IPA Members and their families, a Happy Christmas and a Happy New Year!



# Obitwarju



**Ex PC 1420**
**Joseph Tonna**
1958 – 2022
1987 – 1989



**Ex PC 1410**
**John Mary Farrugia**
1954 - 2022
1979 - 1981



**SM 642**
**Joseph Howard**
1966 – 2022
1984 – 2008
2021 - 2022
(Serving Member



**PC 657**
**Mario Micallef**
1963– 2022
1991 - 2022
(Serving Member)



**Ex PC 746**
**Publius Cutajar**
1934 – 2022
1953 – 1978



**Ex PC 737**
**William Attard**
1947 – 2022
1966 – 1976



**Ex PC 326**
**Alfred Farrugia**
1943– 2022
1963 – 1974



**Ex 2nd SM 496**
**Liberato Pace**
1931 – 2022
1950 – 1978



**Ex PC 1096**
**Saviour Curmi**
1935 – 2022
1959 – 1996



**Ex PC 147**
**Victor Camenzuli**
1943 – 2022
1966 – 1998



**Ex Superintendent**
**John Mary Sciberras**
1938– 2022
1964 – 1992



**Ex PC 210**
**John Joseph Meli**
1929 – 2022
1947 – 1972



**Ex PS 1013**
**John Mary Fenech**
1937 – 2022
1957 – 1982



**Ex PC 1252**
**Paul Debono**
1949 – 2022
1979 – 2010



**Ex PS 1304**
**Francis Gauci**
1948 – 2022
1970 – 1998



**Ex PC 1092**
**Noel Psaila**
1957 - 2022
1986 - 2018

# READY STEADY «INVEST»

**Monthly Investment Plan from only €50**



Get in touch | bovassetmanagement.com | @bovofficial

The value of the investment can go down as well as up. Any initial charges and exit fees that may apply may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, Offering Supplement and the Key Investor Information Document which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c. Branches/Investment Centres and other Licensed Financial Intermediaries. The investments underlying these financial products do not take into account the EU criteria for environmentally sustainable economic activities. BOV Asset Management Limited is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The Vilhena Funds SICAV p.l.c. is licensed by the MFSA and qualifies as a UCITS. The BOV Investment Funds is a common contractual fund licensed by the MFSA as a collective investment scheme pursuant to the Investment Services Act and the UCITS Directive. Issued by BOV Asset Management Limited, 58, Zachary Street, Valletta, VLT 1130, Malta. Tel: 21227311, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management Limited.

BOV

ASSET MANAGEMENT

A MEMBER OF THE BOV GROUP


dakar®
SOFTWARE SYSTEMS
HUMAN RESOURCE
SOFTWARE SOLUTIONS
WWW.DAKARSOFTWARE.COM
+356 2137 4078
OUR CLOUD-BASED MODULES
PAYROLL
PERSONNEL
TIME & ATTENDANCE
ABSENCE MANAGEMENT
PERFORMANCE APPRAISAL
TRAINING MANAGEMENT
BUSINESS INTELLIGENCE
EMPLOYEE PORTAL
RECRUITMENT
ROSTERING